MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 248/1997/1

**Andrew Bondin**

**vs**

**(1) Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta**

**(2) Professur Edward Zammit bhala chairman tal-Bord ta' l-Appelli ta' l-EneMalta u Louis Ellul u Charles Fabri bhala membri ta' l-istess Bord ta' l-Appelli**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn attur ippremetta:-

Illi huwa impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta bhala Steam Boiler Plant Operator;

Illi nhareg “charge” kontra tieghu datat 23 ta' Mejju 1996 li bih huwa gie akkuzat b'negligenza u inkompetenza fil-qadi ta' dmirijietu (Dok. "A") u gie msejjah biex jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina;

Illi quddiem il-Bord ta' Dixxiplina nstemghu diversi xhieda dwar il-kaz, izda ma nzammx “record” tal-proceduri;

Illi meta l-attur talab lill-Enemalta tipprokuralu kopja tax-xhieda, huwa nghata biss kopja ta' verbal, ghaliex ma kienx hemm “record” tax-xhieda mismugha;

Illi l-Bord ta' Dixxiplina, wara li sema' x-xhieda, illibera lill-attur mill-htija minhabba nuqqas ta' provi;

Illi l-Enemalta pprezentat appell quddiem il-Bord ta' l-Appell;

Illi l-Bord ta' l-Appell sema' l-appell tal-Korporazzjoni Enemalta izda ma kellux quddiemu x-xhieda li kienet inghatat mix-xhieda li gew prodotti quddiem il-Bord ta' Dixxiplina peress li din kienet inezistenti;

Illi l-Bord ta' l-Appell ta d-decizjoni tieghu permezz ta' dokument ta' faccata wahda hawn anness u mmarkat Dok. "B" li fih ikkonkluda - "FINDINGS: 1. Negligence has not been proved and the accused should be acquitted of this charge. 2. It emerged that the actions taken by the accused on the occasion were not up to the standard expected of an operator during such an emergency. Nevertheless consideration must be given to the fact that he lacked the presence of his senior operator assisting on Boiler No. 5. RECOMMENDATIONS: The Board recommends that the competence of Mr Bondin should be reassessed and if necessary he should be given further training on how to deal in case of such an emergency";

Illi l-attur ghandu licenzja (Dok. "C") mahruga mill-Awtorita' Kompetenti bil-ligi li biha gie certifikat bhala persuna kwalifikata bl-ezami stipulat mill-Factories (Superintendence and Control of Plant) Regulations 1954

bhala "Engine Driver on Steam Driven Plant with a rated Horse Power not exceeding 200";

Illi ghalhekk il-Bord ta' l-Appell eleva lilu nnifsu 'il fuq mil-ligi stess, stante li l-attur huwa diga' kwalifikat skond il-ligi;

Illi huwa gie misjub mhux hati ta' negligenza, u allura ma' jista' qatt jirrizulta li "the actions taken by the accused on the occasion were not up to the standard expected ..." u din hija kontradizzjoni palesi;

Illi din id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell li biha giet mibdula d-decizjoni precedenti tal-Bord ta' Dixxiplina ta' l-Enemalta, giet mehuda arbitrarjament u hija nieqsa minn kwalunkwe motivazzjoni, ragunijiet jew argumentazzjoni;

Illi fl-imsemmija decizjoni ma nghatat imqar raguni wahad ghala d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina (li kellu l-opportunita' li jisma' l-provi kollha mressqa) giet mibdula;

Illi d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli tikksotitwixxi “an appraisal of guilt” u ser ikollha implikazzjonijiet avversi ghall-esponent fl-impjieg tieghu ma' l-Enemalta, u dan minghajr gustifikazzjoni jew bazi legali izda biss fuq opinjoni arbitrarja wara li kien diga' gie ddikjarat mhux hati;

Illi sa minn qabel ma nbdew il-proceduri ta' dixxiplina, l-Enemalta kienet diga' nehhietu min fuq xoghlu fuq il-Boilers u baghtitu jaghmel xoghol ferm inferjuri u b'hekk hija kkunsidratu bhala hati u ppenalizzatu qabel ma biss kienu ghadhom saru l-proceduri dixxiplinarji. Inoltre, l-attur ghadu qed jigi hekk ippenalizzat sal-lum peress li ghadu ma ntbaghatx lura fuq xoghlu fuq il-Boiler hlief jekk huwa jaccetta li jmur bi “training”, haga li hija inaccettabbli ghall-attur stante li huwa kwalifikat u ghandu licenzja mahruga mill-`competent authority' u minhabba li ma giex misjub hati, u ghalhekk ma tezistix bazi legali biex jerga' jintbaghat ghal tahrig;

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tal-Enemalta nulla u bla ebda effett;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri privati tal-15 ta' Lulju 1996 u tal-21 ta' Ottubru 1996 kif ukoll tal-Protest tad-19 ta' Dicembru 1996 u ta' l-ittra privata tat-8 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenuti, li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjoniet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi l-Bord ta' l-Appelli ta' l-Enemalta agixxa skond kif il-procedura stabbilita fil-ftehim kollettiv fis-sehh f'dak il-perjodu, liema ftehim jirregola l-proceduri dixxiplinarji segwiti fl-Enemalta;

2. Illi l-membri tal-Bord ta' l-Appelli u dawk tal-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Enemalta huma nies kompetenti u ta' esperjenza necessarja sabiex jiddeliberaw u jiddeciedu fuq il-kazi li jidhru quddiemhom;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 1998 minn fejn jirrizulta li l-attur irrileva li n-nota ta’ eccezzjonijiet hi nulla stante li mhux akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata kif trid il-ligi;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Frar 1999 li biha giet akkolta l-imsemmija sottomissjoni tal-attur kif verbalizzata fil-kors tal-imsemmija seduta tal-21 ta’ Mejju 1998 u gie dikjarat li n-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-konvenuti hi nulla;

Rat li in vista tal-imsemmija sentenza l-konvenuti ghandhom jitqiesu li huma kontumaci ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Semghet lill-attur u lix-xhieda minnu prodotti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attur;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta;

Rat ir-replica tal-attur;

Ikkonsidrat:

L-attur jippremetti li hu impjegat mal-Korporazzjoni Enemalta bhala Steam Boiler Plant Operator u li fit-23 ta’ Mejju 1996 inhareg “charge” kontra tieghu fejn gie akkuzat b'negligenza u inkompetenza fil-qadi ta' dmirijietu u ghalhekk deher quddiem Bord ta' Dixxiplina. L-attur jilmenta li ma nzammux “records” ta’ dawn il-proceduri quddiem l-imsemmi bord u inoltre jippremetti li l-stess bord, wara li sema x-xhieda, lliberah minn kull htija minhabba nuqqas ta' provi. Il-Korporazzjoni konvenuta appellat minn din id-decizjoni. Il-Bord ta' l-Appell ta’ d-decizjoni tieghu permezz ta' dokument ta' faccata wahda fejn intqal - "FINDINGS: 1. Negligence has not been proved and the accused should be acquitted of this charge. 2. It emerged that the actions taken by the accused on the occasion were not up to the standard expected of an operator during such an emergency. Nevertheless consideration must be given to the fact that he lacked the presence of his senior operator assisting on Boiler No. 5. RECOMMENDATIONS: The Board recommends that the competence of Mr Bondin should be reassessed and if necessary he should be given further training on how to deal in case of such an emergency". L-attur ikompli jippremetti li huwa ghandu licenzja mahruga mill-awtorita' kompetenti u ghalhekk bl-imsemmija decizjoni tieghu l-imsemmi Bord ta' l-Appell eleva lilu nnifsu 'il fuq mil-ligi stess;

L-attur jippremetti ukoll li ma jistax jinghad li "the actions taken by the accused on the occasion were not up to the standard expected" meta fl-istess hin huwa gie misjub mhux hati ta' negligenza. Huwa jsostni li d-decizjoni tal-

Bord ta' l-Appell giet mehuda arbitrarjament u hija nieqsa minn kwalunkwe motivazzjoni, ragunijiet jew argumentazzjoni u li fl-istess decizjoni ma nghatat l-ebda raguni ghala d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina giet mibdula. L-attur jikkontendi li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appelli tikksotitwixxi “an appraisal of guilt” u ser ikollha implikazzjonijiet avversi ghall-esponent fl-impjieg tieghu ma' l-Enemalta. Huwa jkompli jippremetti li sa minn qabel ma nbdew il-proceduri ta' dixxiplina, l-konvenuti kienu nehhewh min fuq xoghlu fuq il-Boilers u ntbghat jaghmel xoghol inferjuri. Ghal dawn ir-ragunijiet l-attur qed jitlob li d-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell tal-Enemalta tigi dikjarat nulla u bla ebda effett;

Kif gia gie rilevat in vista tas-sentenza ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Frar 1999 il-konvenuti ghandhom jitqiesu li huma kontumaci ghal finijiet u effetti kolha tal-ligi;

Il-fatti rizultanti huma sostanzjalment kif elenkati mill-attur fic-citazzjoni. Ghalhekk jirrizulta li l-attur hu impjegat mal-Korporazzjoni konvenuta. Jirrizulta li l-istess attur ghandu licenza ta’ Steam Boiler Plant Operator. Fit-23 ta’ Mejju 1996 inhareg “charge” kontra l-attur fejn gie akkuzat b'negligenza u inkompetenza fil-qadi ta' dmirijietu. L-attur deher quddiem Bord ta' Dixxiplina, li llibera lill-attur minn kull htija. Sar appell da parti tal-Korporazzjoni konvenuta u l-Bord ta' l-Appell iddecieda li ma gietx pruvata negligenza fil-konfront tal-attur, pero’ zied li l-azzjonijiet tal-attur fil-kors tal-incident in kwestjoni ma kienux dawk li wiehed kien jistenna li jittiehdu minn operatur ta’ boiler f’emergenza bhal dik in kwestjoni. Izid ukoll li ghandha tinghata konsiderazzjoni ghal fatt li ma kienx hemm presenti, fil-hin in kwestjoni, operatur li kien fuq l-istes attur u ghalhekk l-istess Bord tal-Appell irrikmanda li l-attur jigi mharreg mill-gdid;

L-attur qed jilmenta minn din id-decizjoni tal-Bord tal-Appell u in effett il-kawza qed issir esklusivament sabiex din l-istess decizjoni tigi dikjarata nulla u bla effett u dana peress li skond l-attur din id-decizjoni kellha effett fuq l-impieg tieghu mal-Korporazzjoni konvenuta billi huwa

wara din l-istess decizjoni nghata jghamel xoghol, li skond l-attur, kien inferjuri ghal kwalifiki tieghu;

L-attur mhux qed jghamel xi talba ulterjuri u mhux qed jitlob li jigu likwidati xi danni. In effett f'dan ir-rigward ma jirrizultax li l-attur sofra xi danni materjali. F'dan ir-rigward ma jirrizultax li lill-attur inbiddlulu l-kondizzjonijiet ta' xoghol bhala ma hi li nbiddlietlu l-paga. Del resto lanqas ma jirrizulta b'mod sufficjenti li wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli l-attur inghata xi xoghol li kien inferjuri ghal kwaifiki tieghu. Jidher li wara d-decizjoni tal-Bord tal-Appell l-attur ntbaghat jaghmel xi tahrig fuq boilers ohrajn u sussegwentement gie trasferit ghad-divizjoni tal-"petroleum";

Inoltre ma jirrizulta xejn irregolari la fil-komposizzjoni tal-Bord tal-Appelli u lanqas fil-proceduri segwiti mill-istess Bord. Lanqas ma jirrizulta xejn irregolari fid-decizjoni ta-istess Bord li kien perfettament entro l-poteri tieghu meta rrikmanda li l-attur jigi retrained. Inoltre l-Bord tal-Appell f'ebda him ma qal li lill-attur kellu jinghata xoghol iehor. Barra minn hekk jidher li waqt il-proceduri quddiem il-Bord l-attur kien assistit mill-konsulent legali tieghu;

In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet attrici ma jimmeritawx li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddecidi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------